*Ħamsin sena ilu f'Ħal Balzan ...*

# Tifel jitlef ħajtu f'diżgrazzja

Carmel Bezzina

Kull min bħali skorra l-ħamsin żgur li jiftakar il-mewta traġika tat-tfajjel Rubinu Sciberras li ġrat Ħal Balzan sewwasew ħamsin sena ilu. Kien aċċident sfortunat li ħasad il-ħajja ta' tfajjel fl-aħjar tiegħu u li ħalla mnikktin mhux biss lill-ġenituri, lil ħutu u lil qrabatu, iżda wkoll lilna t-tfal ta' mparu u l-Balzanin li kienu jafuh.

Għadni niftakar qisu l-bieraħ. Kont għadni kemm għalaqt is-seba' snin. Kien il-Ħamis, il-31 ta' Lulju 1958, meta kmieni fil-għaxija dwiet mar-raħal l-aħbar kerha tal-mewt ta' Rubinu fl-età ta' disa' snin. L-inċident ġara fit-Triq il-Kbira, ħdejn Santa Marija, fis-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar. Għadd ta' familji u residenti li joqogħdu qrib Santa Marija kellhom id-drawwa li nhar ta' Ħamis jikru *private* biex toħodhom nofs ta' nhar il-baħar, x'aktarx l-Għadira. Ħamsin sena ilu waħdiet kienu l-familji li kellhom il-karozza tagħhom, u biex tirkeb tal-linja għall-Għadira ridt toħroġ fi Triq in-Naxxar fl-eqqel tax-xemx. Il-jum tal-Ħamis kien ikun mistenni ħafna għal din ix-'xalata' ta' kull ġimgħa. It-tfal speċjalment kienu jkunu jistennewha b'ħerqa kbira.

## Minflok ħarġa l-baħar, mewta b'diżgrazzja

Dak in-nhar il-*private* (numru 3334) waslet bħas-soltu biex tgħabbi n-nies għal dan in-nofs ta' nhar il-baħar. Is-sewwieq kien ċertu Ġużè Xuereb, ta' 41 sena, mill-Marsa. Spiss kien ikun hu għal din il-kirja ta' kull nhar ta' Ħamis. Dak in-nhar, hekk kif wasal ħdejn Santa Marija u ġie biex ireġġa' lura fil-wesgħa quddiem il-knisja biex in-nies tirkeb, jidher li t-tfajjel Rubinu pprova jitla' fil-karozza waqt li kienet miexja, iżda ġara li żelaq u ġie taħt ir-roti. It-tifel ma ħelishiex. Il-gazzetta *Il-Berqa* rrapportat ukoll li t-tifel miet waqt li kien qed jittieħed l-isptar. Fil-fatt it-tabib Richard Manchè, li eżaminah malli daħal l-Isptar San Luqa, iċċertifika li t-tifel kien mejjet.[1]

Din it-traġedja nisslet sens ta' diqa u luttu mar-raħal kollu. Rubinu Sciberras kien tifel fuq ruħu u mimli ħajja. Tifel ġej minn familja numeruża – kienu tmintax aħwa – ħaġa li ma kenitx daqshekk rari f'Malta tas-snin 50. Missieru Salvu kien ta' nisel Għawdxi, u ommu Karmena, imwielda Sammut, kienet min-Naxxar. Iltaqgħu meta Karmena kienet toqgħod il-Mosta, u kif iżżewġu ġew joqogħdu Ħal Balzan fid-dar numru 28, Triq Santa Marija. Fost ħut Rubinu li kienu ikbar minnu jissemmew Joe ta' 22 sena, Connie ta' 19-il sena, George (16), Michael, magħruf b'Lino (14), Twanny (12), u Valent ta'



*Rubinu Sciberras li tilef ħajtu traġikament 50 sena ilu.*
*(Ħajr lil Connie Sciberras, oħt Rubinu, u lil kuġinuhom Valent Callus)*

10 snin.[2] Rubinu kellu wkoll ħutu iżgħar minnu: Carmelo jew Charlie ta' 7 snin, Doris (6), Sunny (4), Maria jew Marion (3), u Gerald, magħruf aħjar Aldo, tarbija ta' sena u 8 xhur. Sentejn u nofs wara l-mewt ta' Rubinu, nhar id-9 ta' Jannar 1961, twieled Lawrence.[3] Xi aħwa li ma jissemmewx mietu żgħar b'imsarinhom, u tarbija minnhom twieldet mejta.

Dak in-nhar stess li ġara l-każ, xi siegħa wara d-diżgrazzja, il-maġistrat ta' l-għassa għamel aċċess fuq il-post u ħatar lis-sur Edgar Felice, espert tat-traffiku, sabiex jeżamina u jistabilixxi ċ-ċirkostanzi li wasslu għal din id-diżgrazzja. L-għada l-Ġimgħa, l-1 ta' Awissu, fil-5.30 p.m. saret l-awtopsja fuq il-katavru tat-tifel fil-kamra mortwarja ta' l-Isptar San Luqa, u għal dan il-għan il-qorti ħatret lit-tobba V.T. Camilleri u R. Manchè. Il-funeral ta' Rubinu Sciberras sar is-Sibt, it-2 ta' Awissu, fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan. Attendew ħafna nies, fosthom it-tfal u l-membri tal-Museum billi, bħat-tfal sħabu kollha, Rubinu kien jattendi l-Museum tas-subien.[4] Wara l-quddiesa saret id-difna fil-qabar numru 21 fiċ-ċimiterju tal-parroċċa.[5]

## Is-sewwieq jitressaq il-qorti

L-għada ta' l-inċident, il-Ġimgħa, l-1 ta' Awissu, is-sewwieq Ġużè Xuereb tressaq il-qorti quddiem il-maġistrat V. Refalo. Xuereb kien akkużat li b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna l-mewt ta' Reuben (Rubinu) Sciberras minn Ħal Balzan. Fl-akkuża tiegħu, l-ispettur John Cachia talab is-sospensjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan ta' l-imputat. Wara li Xuereb wieġeb li ma kienx ħati ta' l-akkużi li tressqu kontra tiegħu, il-prokuratur legali Albert Bonello, għad-difiża, talab il-libertà proviżorja ta' l-imputat. Il-qorti laqgħet din it-talba u, billi l-prosekuzzjoni ma opponietx, Xuereb ngħata l-libertà proviżorja wara depożitu ta' £40.[6]

Il-każ kompla t-Tnejn, il-11 ta' Awissu. Fis-seduta ta' dak in-nhar, Dr V.T. Camilleri u Dr C. Attard qraw u kkonfermaw quddiem l-imputat ir-rapport tagħhom ta' l-awtopsja li huma għamlu fuq il-katavru taċ-ċkejken Rubinu, filwaqt li l-maġistrat qara l-proċess verbal ta' l-aċċess li l-qorti kienet għamlet wara d-diżgrazzja. Wara li l-ħames xiehda tal-prosekuzzjoni kkonfermaw ix-xhieda li taw quddiem l-esperti, is-sur Edgar Felice qara r-rapport tiegħu li bih stabilixxa ċ-ċirkostanzi li wasslu għal din id-diżgrazzja.

Minn dak li qalu x-xiehda rriżulta li din il-*private* kienet soltu tmur Ħal Balzan kull nhar ta' Ħamis biex tieħu l-istess familji xalata u ħafna drabi kien imur għalihom l-istess imputat Xuereb. Ix-xiehda qalu wkoll li l-*private* kienet soltu tieqaf ftit jardi iżjed 'il fuq minn fejn saret id-diżgrazzja biex imbagħad is-sewwieq idawwar maġenb l-istatwa ta' Santa Marija. Hekk ukoll kellu jsir f'din l-okkażjoni. Xiehda li raw l-inċident iseħħ qalu li xi tfal bniet u subien, ta' bejn il-15 u l-20 sena, kienu qed jistennew il-*private*. Fost dawn kien hemm ukoll Rubinu Sciberras. Waqt li l-*private* kienet tielgħa għal ħdejn l-istatwa, is-sewwieq beda jnaqqas, u meta wasal viċin it-tfal beda miexi bil-mod ħafna għax kien se jieqaf. Malli l-parti ta' quddiem tal-*private* skorriethom, it-tfal telqu jiġru biex jirkbu meta l-*private* kienet għadha ma waqfitx.

Ix-xhud Saver Micallef, li kien fil-bieb tad-dar tiegħu sewwa sew fejn ġara l-każ, qal li t-tfal bdew jiffullaw biex jirkbu qabel ma l-*private* kienet waqfet għal kollox. Żied jgħid li waqt li kienu jiffullaw, żewġt itfal tfixklu, waqgħu, u wieħed minnhom għaffġitu r-rota ta' wara tax-xellug. Ix-xiehda kollha qablu li l-*private* waqfet fil-pront mhux għax ix-xufier induna x'ġara iżda għaliex kien fi ħsiebu jieqaf hemm. Infatti, meta s-sewwieq Xuereb sama' l-għajjat, huwa niżel mill-*private* ħalli jara x'ġara u sab lit-tifel fl-art. Dan l-istess diskors qalu wkoll Victor Smith, wieħed mit-tfal li kienu qed jistennew il-*private*.

## Joħroġ liberat

Punt importanti li semma s-sur Felice fir-rapport tiegħu kien li t-tfal telqu jiġru biex jirkbu meta l-parti ta' quddiem tal-*private* kienet skorriethom, u għalhekk ix-xufier mill-gabina tiegħu ma setax jarahom u lanqas seta' jipprevedi x'kienu se jagħmlu. Punt ieħor li qajjem kien li billi l-karozza li għaffġet it-tifel kienet *private*, l-imputat ma kienx obbligat ikollu kunduttur. Għal dawn ir-raġunijiet is-sur Felice wasal għall-konklużjoni li din id-diżgrazzja ma ġratx minħabba xi nuqqas min-naħa ta' Xuereb, iżda kien aċċident sfortunat li ma setax jiġi evitat.

Wara l-qari ta' dan ir-rapport, il-pulizija ddikjarat li ma kienx baqgħalha provi oħra xi tressaq, filwaqt li d-difiża talbet il-liberazzjoni ta' l-imputat minħabba li, skond ir-rapport ta' l-espert, huwa ma kellu l-ebda tort f'din id-diżgrazzja. Il-prosekuzzjoni ma opponietx din it-talba u, għalhekk, il-qorti lliberat lil Ġużè Xuereb u ordnat li l-inkartament tal-kumpilazzjoni jintbagħat lill-avukat tal-Kuruna.[7]

## Jingħalaq il-kapitlu ... u l-ħajja tkompli

B'hekk ingħalaq, b'xi mod, kapitlu kiebi u doloruż fl-istorja soċjali ta' Ħal Balzan, iżda żgur li ma ngħalaqx fil-moħħ u l-qalb ta' omm u missier Rubinu u ta' ħutu u qrabatu. Erba' snin wara din il-ġrajja, fis-sena 1962, il-familja Sciberras emigraw lejn l-Awstralja, fejn diġà kienu jgħixu t-tliet aħwa l-kbar: Joe, Connie, u George. L-ewwel siefer il-missier Salvu bit-tliet subien Lino, Twanny u Valent, u mbagħad telqet l-omm Karmena bis-



O HARUF BLA TEBGHA
LI TITPAXXA QALB IL-GILJI
U LI NZILT
F'DAN IL-WIED TAD-DMUGH
BIEX TAQTA' L FJUR CKEJKEN
**REUBEN SCIBERRAS**
TFAJJEL TA' 10 SNIN
MINN HAL BALZAN
LI MIET B'DISGRAZZJA
FIL-31 TA' LULJU 1958
AGHTI
IL-MISTRIEH TA' DEJJEM LIL RUHU
IS-SABAR LIL OMMU, MISSIERU, HUTU.

***Santa tal-mewt li tfakkar lit-tfajjel Rubinu Sciberras.***
***(Hajr lil Carmel Parascandalo)***

sitta ż-żgħar aktar tard f'dik l-istess sena. Kienet dejjem ix-xewqa ta' Karmena li l-familja kollha jkunu miġburin flimkien fl-istess pajjiż, fejn ukoll l-opportunitajiet ta' xogħol għat-tfal kienu bil-wisq aħjar. Il-missier Salvu daħal jaħdem mal-kumpanija Commonwealth Serum Laboratories, fejn aktar tard ingħaqdu miegħu tnejn minn uliedu. Iżda ma damx aktar minn tliet snin, billi miet f'Jannar 1965. Martu Karmena ħadet ħsieb uliedha u ħadmet bis-sħiħ għalihom sakemm rathom ilkoll isibu posthom fil-ħajja. Kellha x-xorti tgawdihom sakemm mietet f'età avvanzata f'Awissu tas-sena li għaddiet (2007).

*Noti u referenzi*

1 Ara *Il-Berqa*, il-Ġimgħa, l-1 ta' Awissu 1958, p.8, u s-Sibt, it-2 ta' Awissu 1958, p.8. Ara wkoll it-*Times of Malta*, il-Ġimgħa, l-1 ta' Awissu 1958, p.9. Skond *Is-Sebħ*, Rubinu miet minħabba l-ġrieħi li ġarrab huma u sejrin bih għand it-tabib tad-distrett. Ara *Is-Sebħ*, il-Ġimgħa, l-1 ta' Awissu 1958, p.8. Ara wkoll il-ħarġa tas-Sibt, it-2 ta' Awissu 1958, p.8.

2 Ħafna mill-informazzjoni dwar il-familja Sciberras waslitli mingħand Maria (jew Marion) Sciberras, oħt Rubinu sitt snin iżgħar minnu, bis-saħħa ta' kuġinuhom Valent Callus. Maria Sciberras bagħtet din l-informazzjoni bl-*email* mill-Awstralja lil kuġinuha Valent, li mbagħad għaddihieli nhar is-27 ta' Frar 2008. Nirringrazzjahom it-tnejn ta' l-interess li wrew f'din il-kitba tiegħi dwar l-għażiż tagħhom Rubinu.

3 Ara Reġistru Parrokkjali Nru 6, Parroċċa ta' Ħal Balzan, p.239. Ħajr lil Josephine Gatt ta' l-għajnuna tagħha fit-tiftix ta' l-informazzjoni mill-uffiċċju parrokkjali.

4 Skond ir-Reġistru ta' l-Atti tal-Qasam Nru XX (Sezzjoni Maskili), Ħal Balzan, miktub bl-idejn, bil-paġni m'humiex enumerati, Rubinu Sciberras kien jattendi fir-raba' klassi tal-Museum.

5 Ara Reġistru Parrokkjali Nru 6, *op. cit.*, p.239.

6 Ara *Il-Berqa*, is-Sibt, it-2 ta' Awissu 1958, p.8. Ara wkoll it-*Times of Malta*, is-Sibt, it-2 ta' Awissu 1958, p.3.

7 Ara *Il-Berqa*, it-Tlieta, it-12 ta' Awissu 1958, p.8.